



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0419/2013**

2.12.2013

**\*\*\*II**

## **RAKKOMANDEZZJONI GĦAT-TIENI QARI**

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-ġhoti ta' setgħat iddelegati u implimentattivi għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri (13284/1/2013 – C7-0408/2013 – 2011/0153(COD))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Jörg Leichtfried

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
ANNEX MAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA .....	6
NOTA SPJEGATTIVA .....	7
PROCĊEDURA .....	8



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-għoti ta' setgħat iddelegati u implimentattivi għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri  
(13284/1/2013 – C7-0408/2013 – 2011/0153(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (13284/1/2013 – C7-0408/2013),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>1</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0349,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0419/2013),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni meħmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni meħmużin ma' din ir-riżoluzzjoni;
  4. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  6. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, flimkien mad-dikjarazzjonijiet kollha meħmużin ma' din ir-riżoluzzjoni;
  7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> Testi Adottati 22.11.2012, P7\_TA(2012)0447.

## ANNEX MAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

### **Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Regolament (KEE) Nru 3030/93 u r-Regolament (KE) Nru 517/94**

Huwa nnotat li l-proċeduri previsti fl-Artikolu 2(6), Artikolu 6(2), Artikoli 8 u 10, Artikolu 13(3), Artikolu 15(3), (4) u (5) u Artikolu 19 tar-Regolament (KEE) Nru 3030/93, Artikolu 4(3) tal-Anness IV għar-Regolament (KEE) Nru 3030/93, u Artikolu 2, Artikolu 3(1) u (3) tal-Anness VII għar-Regolament (KEE) Nru 3030/93, u Artikolu 3(3), Artikolu 5(2), Artikolu 12(3) u Artikoli 13 u 28 tar-Regolament (KE) Nru 517/94, jinbidlu fi proċeduri għall-adozzjoni tal-atti ddelegati. Huwa nnotat li xi wħud minn dawn l-Artikoli jirreferu għal proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja fil-qasam tad-difiża kummerċjali.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li l-miżuri ta' salvagwardja għandhom jiġu ttrattati bħala miżuri ta' implimentazzjoni. Eċċezzjonalment, fir-Regolamenti speċifiċi eżistenti msemmija hawn fuq, il-miżuri jieħdu l-forma ta' atti ddelegati, peress li l-introduzzjoni ta' miżura ta' salvagwardja tiegħu l-forma ta' emenda għall-annessi għar-Regolamenti Bażiċi rilevanti. Dan huwa minħabba l-istruttura partikolari li hi speċifika għar-Regolamenti eżistenti msemmija hawn fuq u, bħala konsegwenza, mhux se jintużaw bħala preċedent għall-abbozzar ta' strumenti futuri ta' difiża kummerċjali u miżuri oħrajn ta' salvagwardja.

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kodifikazzjoni**

L-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda ċerti regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri u r-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda ċerti regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-għoti tas-setgħat iddelegati u implimentattivi għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri se twassal għal għadd sostanzjali ta' emendi tal-atti inkwistjoni. Sabiex titjieb il-leġġibilità tal-atti kkonċernati, il-Kummissjoni se tippromovi kodifikazzjoni tal-atti malajr kemm jista' jkun ladarba daww iż-żewġ Regolamenti jiġu adottati, u mill-inqas qabel l-1 ta' Ġunju 2014.

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar atti ddelegati**

Fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda ċerti regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri<sup>+</sup> u r-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda ċerti regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-għoti tas-setgħat iddelegati u implimentattivi għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri, il-Kummissjoni tfakkar l-impenn li għamlet fil-paragrafu 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea biex tippromovi lill-Parlament kull tagħrif u dokumentazzjoni dwar il-laqgħat tagħha mal-esperti nazzjonali fil-qafas tal-ħidma tagħha għat-tnejn tal-atti ddelegati.

## NOTA SPJEGATTIVA

Fid-dawl tal-bidliet li ġabu magħhom it-Trattat ta' Lisbona u l-adozzjoni sussegwenti tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (dwar l-atti ta' implimentazzjoni), il-Kummissjoni kienet meħtieġa tadatta r-regoli tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-politika kummerċjali għar-reġim il-ġdid tal-atti ddelegati u ta' implimentazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ressqet żewġ proposti ta' allinjament magħrufa bħala Omnibus I u Omnibus II; kull waħda tiġbor fi strument uniku r-regolamenti kummerċjali ta' bażi li kien meħtieġ jiġu aġġornati: l-ewwel waħda tkopri prinċipalment l-atti ta' implimentazzjoni filwaqt li l-oħra tkopri prinċipalment l-atti ddelegati. Din il-proposta (Omnibus I) għaldaqstant iġġib il-bidliet meħtieġa fit-testi ta' bażi li qabel kienu jirreferu għad-deċiżjoni tal-komitoloġija l-antika 1999/469/KE.

Wara l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari ġiet adottata mill-plenarja fit-22 ta' Novembru 2012, bdew negozjati informali taħt il-Presidenza Irlandiża bl-għan li jintlaħaq ftehim bikri fit-tieni qari. Wara bosta ċikli ta' trilogi, it-tim tan-negozjati tal-Parlament u tal-Kunsill laħqu ftehim dwar id-dossier fil-5 ta' Ġunju 2013. It-test tal-ftehim tressaq quddiem il-Kumitat INTA għal votazzjoni ta' approvazzjoni fil-11 ta' Lulju 2013 u ġie approvat b'maġġoranza ferm kbira. Abbażi tal-approvazzjoni tal-Kumitat, il-President tal-Kumitat impenja ruħu, fl-ittra tiegħu tal-istess jum lill-President tal-COREPER, li jirrakkomanda lill-plenarja tapprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi. Wara verifika legali-lingwistika, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tikkonferma l-ftehim fil-15 ta' Novembru 2013.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-rapporteur jipproponi li jiġu adottati mingħajr emendi l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari kif ukoll id-dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar ir-Regolament (KEE) Nru 3030/93 u r-Regolament (KE) Nru 517/94. Huwa rrakkomandat ukoll li l-Parlament jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kodifikazzjoni u dwar l-atti ddelegati. It-tliet dikjarazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati flimkien mal-att leġislattiv finali.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Emenda ta' ċerti regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-ġħoti ta' setgħat iddelegati għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri
<b>Referenzi</b>	13284/1/2013 – C7-0408/2013 – 2011/0153(COD)
<b>Data tal-1 qari tal-PE - Numru P</b>	22.11.2012                      T7-0447/2012
<b>Proposta tal-Kummissjoni</b>	COM(2011)0349 - C7-0162/2011
<b>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja ta' meta l-Parlament irċieva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari</b>	21.11.2013
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 21.11.2013
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Jörg Leichtfried 22.9.2011
<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.11.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ :                      27 – :                      3 0 :                      0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	William (The Earl of) Dartmouth, Nora Berra, Daniel Caspary, María Auxiliadora Correa Zamora, George Sabin Cutaş, Marielle de Sarnez, Christofer Fjellner, Yannick Jadot, Franziska Keller, Bernd Lange, David Martin, Vital Moreira, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Henri Weber, Iuliu Winkler, Jan Zahradil, Paweł Zalewski
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Tokia Saïfi, Marietje Schaake, Jarosław Leszek Wałęsa
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Phil Bennion, Jutta Haug, Anthea McIntyre, Katarína Nevedálová, Marc Tarabella, Nikola Vuljanić, Roberts Ziļe
<b>Data tat-tressiq</b>	2.12.2013